**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 21 ta' Frar 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 9/2018JVC**

**Alpine Holdings Limited (C2745)**

**vs**

**Louis Farrugia u Maryanne Farrugia**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici li ppremettiet:

Illi permezz ta' ftehim datat 11 ta' Awissu 2017 l-intimati solidament bejniethom ikkostitwew ruhhom bhala likwidi u certi debituri tal-kumpanija rikorrent fis-somma ta' mitt elf sitt mija u seba u sittin Ewro (€100,667), kopja ta' liema skrittura tinsab hawn anness u markata bhala Dok. AH1;

Illi dana d-debitu kellu jithallas sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2017;

Illi l-intimati ma ghamlu ebda pagament kif pattwit fl-imsemmija kostituzzjoni ta' debitu u konsegwentement l-ammont ta' mitt elf sitt mija u seba u sittin Ewro (€100,677) ghadu interament dovut, u dana oltre l-imghax li ddekorra skont l-istess ftehim;

Illi permezz ta' ittri ufficjali datat 4 ta' Dicembru 2017, l-istess intimati gew interpellati jhallsu l-ammont ta' mitt elf sitt mija u seba u sittin Ewro (€100,667) oltre l-imghax bir-rata ta' 6% kif stipulat fl-imsemmija skrittura;

Illi nonstante din l-interpellazzjoni l-intimati baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-intimati huma illum debituri tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' mitt elf sitt mija u sittin Ewro (€100,667) u dana oltre l-imghax bir-rata ta' 6% fuq l-imsemmi ammont u dana kif stipulat fl-imsemmija skrittura tal-11 ta' Awwissu 2017;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija rikorrenti l-intimati ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipproċedi ghs-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' mitt elf sitt mija u seba u sittin Ewro (€100,667) rapprezentanti l-ammont kostitwit bhala debitu permezz tal-iskrittura datat 11 ta' Awissu 2017 li kopja taghha tinsab hawn annessa u markata bhala Dok. AH1, bl-imghaxijiet skont kif pattwiti fl-imsemmi ftehim sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju, tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-intimati prezentata llum stess fl-atti waqt is-seduta fejn iddikjaraw kif isegwi:

"Li permezz taghha qed jammettu t-talbiet attrici".

**Decizjoni.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti:

1. Tilqa' l-ewwel talba;
2. Tilqa' t-tieni talba u tghaddi sabiex tikkundanna lill-intimati Louis u Mary Anne konjugi Farrugia bil-karti tal-identita' numri 43847G u 56249G rispettivament ihalsu lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' mitt elf sitt mija u sebgha u sittin euro (€100,667) rapprezentanti

l-ammont kostitwit bhala debitu permezz tal-iskrittura datata 11 ta' Awwissu 2017 esebita a fol 7 et seq tal-process bl-imghaxijiet annwali ta' sitta fil-mija (6%) kif pattwiti fl-imsemmi ftehim sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimati.

(ft.) Dr J. Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur